MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 743/2012

**Eurochange Financial Services Limited**

**vs**

**Hotel Services Limited bhala d-debitrici principali u Resort Hotels Limited bhala l-garanti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-26 ta' Lulju 2012 li jghid hekk:

1. Illi Hotel Services Limited topera il-lukanda St. Julien, gewwa Triq Dragonara, Paceville, San Giljan, li tinkorpora, fost inhawi ohra, "Exchange Bureau", fil-pjan terran, kantuniera ma' Ball Street;

2. Illi l-istess "Exchange Bureau" kien mikri mis-socjeta konvenuta Hotel Services Limited lil Joseph Lagana ai termini ta' skrittura ta' lokazjoni datata 15 ta' Marzu 1997,

b'kera ta' sittax-il euro u wiehed u tletin centezmu (euro 16.31) (gja seba' liri Maltin (Lm7.00) kuljum (kopja annessa u mmarkata Dok. A);

3. Illi sussegwentement l-istess Joseph Lagana assenja l-lokazjoni lis-socjeta attrici u dan ai termini tal-klawsola 5c ta' Dok. A fuq indikat (kopja tal-assenjazzjoni annessa u mmarkata Dok. B);

4. Illi fil-perjodu 01.10.02 sa 30.09.07 is-socjeta attrici hallset, erronjament u in buona fede, kera fis-somma kumplessiva ta' mitejn u hdax-il elf mitejn u disgha w sebghin euro u disgha u disghin centezmu (EUR 211,279.99 ) liema ammont jirrizulta li kien jeccedi l-ammont realment dovut skond l-iskrittura ta' lokazzjoni bl-ammont ta' sitta u sittin elf disa' mija u tnax-il euro u erbghin centezmu (EUR 66,912.40), liema ammont ghaldaqstant gie mhallas mis-socjeta attrici indebitament;

5. Illi sussegwentement, is-socjeta attrici ma baqghetx thallas kera, u dan sabiex tpatti ghall-kera zejda li hallset, (sal gurnata li l-fond gie ritomat lill-intimata Hotel Services Limited), b'mod illi l-ammont imhallas indebitament (bhala bilanc) nizel ghal tmienja u hamsin elf, tliet mija u sitta u tmenin euro u erbgha w tletin centezmu (euro 58,386.34);

6. Illi l-fatt illi thallas ammont ta' kera indebitament gie rikonoxxut mis-socjeta konvenuta Hotel Services Limited, u dan permezz ta' korrispondenza bejn il-partijiet (kopja ta' liema annessa u mmarkata Dok. C), u tant li sussegwentement harget "credit note" lis-socjeta attrici (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D;

7. Illi s-socjeta konvenuta Resort Hotels Limited, li hija proprjetarja tal-lukanda St. Julien, dahlet garanti fl-istess skrittura ta' lokazzjoni fuq indikata (premessi tal-istess) u intrabtet li tassumi r-responsabbiltajiet li kienet intrabtet bihom is-socjeta konvenuta l-ohra fl-istess skrittura, u b'hekk tiggarantixxi, u cioe taghmel tajjeb, ghal kwalunkwe obbligu jew nuqqas tal-istess socjeta Hotel Services Limited;

8. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 2012 id-debitrici principali s-socjeta Hotel Services Limited giet interpellata sabiex tirrifondi l-kera zejda mhallsa, izda din baqghet inadempjenti. L-istess baqghet inadempjenti s-socjeta garanti Resort Hotels Limited meta giet interpellata sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' Hotel Services Limited, u dan permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Mejju 2012;

9. Illi dan huwa dejn cert, likwidu u dovut u, safejn jaf l-attur, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'igibu;

IIIi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati solidalment li jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmienja u hamsin elf tliet mija u sitta u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (EUR 58,386.34) rapprezentanti kera mhallsa indebitament;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Marzu 2012 u tad-29 ta Mejju 2012, kif ukoll tal-imghaxijiet sad-data tal-eventwali pagament, kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-sekwestratarju gudizzjarju tas-socjetajiet konvenuti ippresentata fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 li biha ammetta it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tal-4 ta' Ottubru 2012.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti fil-vesti taghhom kif imharrka jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' tmienja w hamsin elf tliet mija u sitta u tmenin euro u erbgha w tletin centezmu (€58,386.34), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------